MAQLUB GĦALL-MALTI MINN P. RANIERO ZAMMIT OFM. CAP.

# L-ISCOUTS F'TAS-SLIEMA

## 1st SLIEMA GROUP (BERNARD'S OWN) – 1908

Bħal f'ħafna oqsma oħra tal-ħajja ċivika u soċjali f'pajjiżna, Tas-Sliema kienet minn ta' quddiemnett ukoll f'li "Scouts Movement" f'Malta. "The 1st Sliema Group (Bernard's Own)" għandu l-unur li kien wieħed mill-ewwel tnejn li twaqqfu mhux biss f'Malta imma wkoll minnufih wara dawk tar-Renju Unit fejn il-Moviment kien twaqqaf fl-1907. F'Tas-Sliema il-Grupp beda fl-1908 u applikaw biex ikollhom għarfien uffiċjali mill-Head Quarters f'Londra fl-1909. Huma ġew milqugħin u ngħataw iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni nhar it-12 ta' Ottubru 1910. Dan iċ-ċertifikat sabiħ għadu jeżisti u miżmum b'għożża fil-Headquarters tas-Sliema Scouts sa llum.

### Żminijiet Diffiċli

Rekords bikrin juru li meta fi Frar 1913, Lord Baden Powell (il-Fundatur ta' li Scouts Movement) għamel żjara f'Malta, Tas-Sliema kellhom 10 Scouts b'A.E. Jones bħala Scout Master u W. Chircop Kind kien l-Assistent Scout Master tagħhom. Insibu li fl-ewwel snin kellhom żmien diffiċli billi ma kellhomx post fiss fejn jiltaqgħu. Fl-1916 krew garage ġo Triq San Pawl, u aktar tard sabu kamra fi Triq il-Karmnu. Minn hawn insibuhom jiltaqgħu f'kamra fi Triq San Ġwann Battista, imma ma damux wisq li kellhom iħallu l-post. Fil-bidu tal-1924 huma ngħataw permess jagħmlu l-Headquartres tagħhom fit-Torri ta' Għar-id-Dud. Fl-1928 bdew jiltaqgħu fil-"basement" taħt l-Iskola tal-Gvern fi Triq Depiro. Il-"Headmaster" ta' l-Iskola, iżda, jidher li ma tantx kellu pjaċir bihom hemmhekk u ordnalhom li jibdew jiltaqgħu ġo klassi vojta, u wara ftit, qallhom biex jitilqu din ukoll. Minn hawn marru f'remissa fi Triq Sant'Elena kull nhar ta' Sibt fil-ħin li sid iż-żiemel kien ikun barra jħarreġ liż-żiemel tiegħu. Aktar tard ħallew hawn u ngħataw permess jiltaqgħu għal xi żmien fil-Każin tal-Banda Sliema fi Triq San Trofimu. Wara, il-Grupp irnexxielu jakkwista post fil-Forti Manoel minn għand l-Army b'kera ta' 5 ċenteżmi fis-sena fejn il-"Crew" u t-"Troop" kienu jagħmlu l-"Parades" tagħhom. Fl-1929 insibu "The Pack" jużaw klassi fl-Iskola Primarja tal-Gvern bl-approvazzjoni kollha ta' Headmaster ġdid.

### Ċaqliq Bla Heda

Ftit qabel faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, l-awtoritajiet militari




**10 ta' Ottubru 1910. Ċertifikat tat-twaqqif ta' l-Iscouts. Sena wara ġie ffurmat is-Sliema Scout Group. Dan iċ-ċertifikat għadu mdendel fil-kwartieri ta' l-Iscouts sa llum**



Diċembru 1987. Il-Papa Ġwann Pawlu II jieħu b'idejn Kenneth Demartino waqt udjenza privata, meta l-Papa wera x-xewqa li jiġi Malta. Jidher ukoll J.A. Mizzi.

talbu lill-Grupp iħallu għal kollox il-Forti Manoel u hekk, għal darb'oħra, ingħataw ħamest ikmamar fil-"basement" ta' l-Iskola tal-Gvern. Minħabba l-Gwerra, il-laqgħat tagħhom kellhom jitnaqqsu u parti wkoll mill-Headquarters kellhom jittieħdu lura għal servizzi ta' emerġenza. Fl-1942 il-Headquarters sofra danni minn bombi tal-għadu li waqgħu fil-qrib. Xi ħadd daħal f'li "stores" ta' li Scouts u nsterqu rekords u affarijiet oħra. Malli l-Gwerra ntemmet, il-Moviment f'Malta reġa' ħa l-ħajja u s-"Sliema Group" mar għal kollox fil-"basement" ta' l-Iskola tal-Gvern, bis-sezzjonijiet kollha tiegħu, fejn għadu sallum jeduka fil-formazzjoni ta' karattru u jħarreġ lit-tfal u ż-żgħażagħ Sliemiżi għall-ħajja billi jimlihom b'sens ta' effiċjenza u responsabbiltà b'risq is-Soċjetà kollha fl-ispirtu tal-Motto "Be Prepared". Bosta huma dawk li llum qegħdin jagħtu kontribut kbir lil pajjiżna u li xi darba jew oħra kienu scouts fis-Sliema Group. Oħrajn laħqu l-iktar postijiet għolja fit-tmexxija tal-Moviment f'Malta.

## L-Akbar Grupp f'Malta

Illum, wara 93 sena mit-twaqqif tiegħu, is-Sliema Group huwa l-iktar wieħed numeruż f'Malta. Huwa grupp attiv ħafna u nsibuhom jorganizzaw bosta attivitajiet b'risq il-membri nfushom u l-ġenituri u l-ħbieb tagħhom jieħdu sehem f'ħafna Jamborees Internazzjonali u f'diversi okkażjonijiet li jsiru f'Malta u barra. Huma ddistingwew ruħhom f'ħafna kompetizzjonijiet li jsiru u li rebbħuhom bosta premjijiet. Biex ixerrdu l-ideal tal-Moviment u jżommu lill-Membri nfurmati u aġġornati, huma jippubblikaw regolarment ir-Rivista "THE PIONEER", li tkun dejjem imżewqa b'tagħrif u tagħlim siewi u bosta ritratti. Din ir-Rivista interessanti hija apprezzata ħafna mhux biss mill-membri hawn Malta, imma wkoll minn ex-Membri tas-Sliema Group lil hinn minn xtutna fejn emigraw, kif jixhdu ħafna mill-ittri tagħhom li jiktbu b'nostalġija.

## Il-"Group Scout Leaders"

Wara li ġew iffurmati l-"Cub Scout Pack" u s-"Senior Section", beda jinħatar "Group Scout Master" bħala l-mexxej tal-Grupp. Dawn kienu:

| | |
|---|---|
| Nazzareno Grima | 1924–1930 |
| Cecil J. Corckford | 1930–1934 |
| Edward Tortell | 1934–1965 |
| Jean Camenzuli | 1965–1968 |
| Albert Wain | 1968–1971 |
| Vincent Farrugia | 1971–1976 |
| Edward Tortell | 1976–1983 |
| Kenneth De Martino | 1983–1991 |
| Eileen Galea | 1991–1996 |
| Joe Agius | 1996–1997 |
| David Soler | 1997– |

Mhux ta' min iħali barra li s-Sliema Scout Troop kien iffurmat minn ċertu Mr M. Dutton fl-1909. Nawguraw lis-Sliema Scouts bosta snin ta' ħidma siewja b'risq is-soċjetà kollha f'pajjiżna.

*Nota: Dil-kitba hija traduzzjoni mill-Ingliż, b'xi ftit żidiet, ta' "Brief History of the Sliema Scouts Head Quarters" minn Mr J.A. Mizzi, li dehret fil-Pubblikazzjoni tal-1st Sliema Group (Bernard's Own) fl-okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali tal-Headquarters f'Depiro Str., Sliema, wara li ġie rinnovat, Diċembru 1988. Inroddulu ħajr.*



Dr Ċensu Tabone meta kien President ta' Mala, jikxef bust ta' Lord Baden-Powell barra l-bieb tal-Headquarters tas-Sliema Group f'għeluq it-80 anniversarju ta' l-istess grupp.